MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-9 ta' Ġunju, 2023

Appell Inferjuri Numru 49/2022 LM

**Arya Somasekharan Nair**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Identity Malta Agency**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Identity Malta Agency**, hawnhekk 'l-appellanta', minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], tad-9 ta' Mejju, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] li permezz tagħha l-Bord irrevoka d-deċiżjoni tal-intimata tal-20 ta' Jannar, 2022 u taha direzzjoni biex hija teżamina l-każ mill-ġdid dwar il-mertu, filwaqt li tieħu deċiżjoni mill-ġdid dwar l-applikazzjoni tar-rikorrenti **Arya Somasekharan Nair** [hawnhekk 'l-appellata'].

## Fatti

2. Fit-30 ta' Novembru, 2021, ir-rikorrenti ippreżentat applikazzjoni sabiex tingħata permess uniku ta' residenza (*Single Permit*). L-intimata bagħtet tinforma lir-rikorrenti li l-applikazzjoni tagħha kienet qegħda tiġi miċħuda għaliex fiż-żmien meta hija intavolat l-applikazzjoni tagħha, hija ma kinitx qegħda tirrisjedi f'Malta legalment skont ir-Regolament 8(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17. Ir-rikorrenti ġiet mgħarrfa ukoll li l-pożizzjoni tagħha ma ġietx regolarizzata mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, u għalhekk hija qegħda titqies li hija immigranta pprojbita. Ir-rikorrenti appellat minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell li hija ressqet quddiem il-Bord.

## Mertu

3. Fir-rikors tal-appell tagħha quddiem il-Bord, ir-rikorrenti spjegat li hija kienet ilha tgħix Malta mill-2017 abbażi ta' *Single Work Permit.* Spjegat li l-prinċipal prospettiv tar-rikorrenti ssottometta applikazzjoni f'isimha fit-30 ta' Novembru, 2021, sabiex tbiddel ix-xogħol tagħha. Din l-applikazzjoni ġiet rifjutata permezz ta' ittra datata l-20 ta' Jannar, 2022, u dan wara li l-intimata qieset li l-*istatus* tal-immigrazzjoni tar-rikorrenti fiż-żmien li fih saret din l-applikazzjoni kien wieħed irregolari. Ir-rikorrenti spjegat li kemm ilha tgħix Malta, hija dejjem fittxet li tkun impjegata, minkejja li ffaċċjat diversi diffikultajiet, partikolarment wara li faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19. Qalet li sal-1 t'Awwissu, 2021 hija kienet impjegata bħala *dishwasher/cleaner* ma' ċerta Christine Camilleri ta' IrecruitMalta, u dan l-impjieg ġie tterminat waqt il-perijodu ta' prova minħabba nuqqas ta' xogħol. Ir-rikorrenti qalet li hija għamlet

dak kollu li setgħet biex issib impjieg alternattiv, u ftit taż-żmien wara saret applikazzjoni oħra f'isimha, din id-darba minn Food Chain Limited. Għal xi raġuni, din l-applikazzjoni ġiet irtirata minn Food Chain Limited fis-16 ta' Novembru, 2021. Ir-rikorrenti spjegat li minkejja li b'ħafna diffikultajiet, hija rnexxielha ssib impjieg ieħor, din id-darba ma' Vigil Jeyachandra ta' Little India, li ma setax jissottometti applikazzjoni f'isem ir-rikorrenti b'mod immedjat, għaliex dak iż-żmien huwa kien qiegħed l-Indja. Żiedet tgħid li hekk kif Jeyachandra wasal Malta, dan issottometta l-applikazzjoni f'isem ir-rikorrenti, fit-30 ta' Novembru, 2021. Qalet li fl-10 ta' Jannar, 2022, l-istess Jeyachandra irċieva *email* mill-intimata fejn huwa ġie mgħarraf li l-applikazzjoni tar-rikorrenti ma setgħetx tkompli tiġi pproċessata għaliex is-soġġorn tagħha f'Malta kien meqjus bħala wieħed irregolari. Hekk kif ir-rikorrenti saret taf b'din l-*email,* hija għamlet kuntatt mal-avukat difensur tagħha, li min-naħa tagħha talbet lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jirregolarizza l-pożizzjoni tar-rikorrenti f'Malta għal ftit ġranet sakemm Identity Malta tkun tista' tipproċessa l-applikazzjoni tar-rikorrenti.

4. Ir-rikorrenti żiedet tgħid li fi żminijiet riċenti, talbiet simili għal dik tagħha ntlaqgħu u ġew aċċettati mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, u ħafna drabi dan kien jikkonċedi terminu ta' għaxart ijiem biex l-applikant ikun jista' jissottometti l-applikazzjoni tiegħu mill-ġdid. Qalet li però fil-każ tagħha ma ġarax hekk, u fl-20 ta' Jannar, 2022, hija rċeviet l-ittra ta' rifjut li permezz tagħha hija ġiet infurmata li hija ma kinitx qegħda tirrisjedi f'Malta b'mod legali u kellha tagħmel arranġamenti biex tħalli ż-Żona Schengen b'effett immedjat. Ir-rikorrenti qalet li fl-ittra mibgħuta lilha, hija ma ġietx infurmata li kellha dritt ta' appell quddiem il-Bord.

5. Ir-rikorrenti qalet li hija taf li l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni għandu diskrezzjoni jekk jirregolarizzax il-qagħda ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li r-residenza tagħhom f'Malta tkun saret irregolari. Qalet ukoll li din id-diskrezzjoni m'għandhiex tiġi eżerċitata b'mod diskriminatorju, u hija ħassitha aggravata għaliex persuni f'pożizzjoni simili għal tagħha ngħataw il-konċessjoni ta' għaxart ijiem, filwaqt li hija ma ngħatatx konċessjoni simili. Qalet li hija xtaqet li tibqa' f'Malta partikolarment wara li kompliet bl-istudji tagħha fil-qasam tal-Kura tas-Saħħa, u ħuha li jgħix u jaħdem f'Malta u li hija ħafna viċin tiegħu, jinsab fil-pussess ta' permess uniku li bis-saħħa tiegħu jista' jibqa' jgħix hawnhekk. Ir-rikorrenti qalet li fiż-żmien kollu li hija ilha tgħix hawn Malta, hija uriet li hija persuna denja u korretta. Ir-rikorrenti esebiet ukoll ittra mill-prinċipal prospettiv tagħha fejn dan iddikjara li hekk kif ir-rikorrenti tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha f'Malta, huwa għadu dispost li joffrilha impjieg. In vista ta' dawn is-sottomissjonijiet, ir-rikorrenti talbet lill-Bord jikkonsidra l-fatti tal-każ tagħha mill-ġdid, jilqa' l-appell tagħha, u jibdel id-deċiżjoni tal-intimata.

6. L-intimata fir-risposta tagħha qalet li hija ma setgħetx tirrispondi għall-appell intavolat mir-rikorrenti, għaliex fir-rikors tal-appell tagħha hija naqset li tindika l-lanjanzi u l-aggravji li fuqhom kienet qegħda tibbaża l-appell tagħha. Qalet li r-rikorrenti nfurmat lis-Segretarja tal-Bord li kien fi ħsiebha tappella mid-deċiżjoni ta' rifjut fil-21 ta' Jannar, 2022, u minkejja li hija ngħatat terminu sabiex tressaq is-sottomissjonijiet tagħha, sal-14 ta' Frar, 2022, ir-rikorrenti ma kienet ressqet l-ebda sottomissjoni ulterjuri. L-intimata qalet li fl-20 ta' Jannar, 2022, hija infurmat lir-rikorrenti li l-applikazzjoni tagħha kienet qegħda tiġi rifjutata abbażi tal-fatt li hija ma kinitx qegħda f'Malta legalment skont ir-

Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17. L-intimata spjegat li r-rikorrenti kellha permess uniku abbażi tal-impjieg tagħha ma' IrecruitMalta, u dan il-permess kien validu għall-perijodu bejn id-29 ta' April, 2021 sat-28 ta' Mejju, 2022. Qalet li l-impjieg tar-rikorrenti ma' IrecruitMalta ġie tterminat fl-1 t'Awwissu, 2021, u għalhekk il-permess uniku li kellha ma baqax validu. Qalet li kien għalhekk li l-intimata ħarġet ittra ta' revoka fit-2 ta' Settembru, 2021. L-intimata qalet li r-rikorrenti intavolat applikazzjoni ġdida għal permess uniku fit-30 ta' Novembru, 2021, jiġifieri aktar minn tliet xhur wara li ġie tterminat l-impjieg tagħha. Qalet li wara r-revoka tal-permess uniku, l-intimata tat konċessjoni ta' għaxart ijiem sabiex ir-rikorrenti setgħet tirregolarizza s-soġġorn tagħha f'Malta u tissottometti applikazzjoni ġdida, u l-informazzjoni dwar kif wieħed għandu jagħmel dan hija disponibbli għall-pubbliku. Qalet li r-rikorrenti naqset milli tissottometti applikazzjoni ġdida dwar il-bidla fl-impjieg/prinċipal fi żmien għaxart ijiem, u għalhekk ir-rikorrenti ma kinitx meqjusa li qegħda f'Malta b'mod legali. L-intimata spjegat li minflok ħarġet ittra ta' rifjut, u mingħajr ma kellha l-ebda obbligu li tagħmel dan, hija kkonsultat mal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni li taħtu taqa' l-mansjoni tar-regolarizzazzjoni tal-i*status* ta' persuni f'Malta. Qalet li l-każ tar-rikorrenti ġie vverifikat mill-ġdid, u ttieħdet deċiżjoni finali fuq il-fatti disponibbli, bir-riżultat li l-i*status* tar-rikorrenti ma ġiex irregolarizzat.

## <u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>

7. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fid-9 ta' Mejju, 2022, il-Bord iddeċieda li d-deċiżjoni tal-intimata tal-20 ta' Jannar, 2022 għandha tiġi revokata, u ta direzzjoni lill-intimata sabiex teżamina mill-ġdid l-applikazzjoni tar-rikorrenti fil-

mertu. Il-Bord qal ukoll li dan l-eżerċizzju għandu jsir bħala kontinwazzjoni tal-eżerċizzju mibdi diġà u li l-intimata m'għandhiex tikkonsidra li din hija applikazzjoni ġdida min-naħa tar-rikorrenti, u dan wara li l-Bord għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*1. __Preliminary__*

*The Board:*

*Saw that in virtue of a decision issued by Identity Malta Agency on 20th January, 2022, the appellant's application for a Single Permit was rejected as she was deemed to not be in a position of conformity with the dictates of Regulation 8 of S.L. 217.17;*

*Saw the appeal registered on 21st January, 2022; and*

*Saw the reply filed by Identity Malta Agency on 28th February, 2022.*

*2. __Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board__*

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongsts other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal* ***__Edwin Zarb et vs. Gilbert Spiteri et__*** *(decided on 6th February, 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*In primis, the Agency stated that on 14th February, 2022, it had asked the Board's secretariat whether the appellant had filed further submissions, but the Board's secretariat replied in the negative. It transpires, however, that the appellant, through legal counsel, did file further submissions (fol. 15 to fol. 18). In any case, however, the primary purpose of the Agency's reply is to explain the case from its point of view and to substantiate its decision of 20th January, 2022.*

*On the basis of the Secretariat's alleged failure to send a copy of the appellant's further submissions, the Agency assumed that the appellant had in fact filed no proper appeal and asked this Board to declare the said appeal null.*

*The Board notes, however, that in any case, the Agency did mange to explain the iter of the appellant's situation. Furthermore, whatever may have happened between the Board's secretariat and the Agency, the Agency's legal counsel always had the option to visit the Board's secretariat in person and ask to see the case file. This would have proved rather easy, as whenever either division of this Board holds sittings, the Agency's legal counsel would be on the Board's premises at least once a week.*

*The Agency stated, in its reply, that the appellant held a Single Permit which was valid between 29th April, 2021 and 28th May, 2022. However, on 1st August, 2021, her employment with IrecruitMalta was terminated. Consequently, the Agency issued a letter on 2nd September, 2021 through which it informed the appellant that her Single Permit had been revoked.*

*The Board carried out a quick search in its own records and found no evidence that the appellant had ever appealed the Agency's decision of 2nd September, 2021.*

*The Agency continued to explain that the appellant then initiated a new Single Permit application on 30th November, 2021.*

*The Agency explained that as the appellant had failed to lodge a fresh application on the basis of a change in employer within ten days from its decision of 2nd September, 2021, she was deemed illegally present and therefore, failed to fulfil any of the alternative requisites contained in Regulation 8 of S.L. 217.17 when lodging her latest application.*

*The appellant filed an appeal in which she explained that after her employment with IrecruitMalta was terminated by that company during the probation period due to lack of work, she found it exremely difficult to find alternative employment. She said that eventually, she secured an offer of employment from Food Chain Limited. However, on 16th November, 2021, that company decided to withdraw the relative Single Permit application. Therefore, the appellant once again found herself in a diffucult position.*

*Eventually, she was offered employment by Mr Vigil Jeyachandra. However, the application was met with the decision of 20th January, 2022, quoted hereinabove.*

*In this case, it is quite obvious that the appellant was a victim of circumstance, as when she had allegedly found employment with a particular company and an application was duly lodged, that company lost interest and consequently, withdrew its application. Applying the ten-day rule, which is an invention of Identity Malta Agency, this would mean that following withdrawal of the application by Food Chain Limited, the appelland had* ***just ten days*** *to secure an offer of employment from an*

*alternative employer, compile the necessary documentation, and lodge the Single Permit application through the online portal. It is obvious to the Board that only the most superhumanly diligent of prospective employers and prospective employees could fit into such a tight time window.*

*The Board observes that the consequence of such conduct on the part of certain companies are suffered by prospective employees, who end up illegally present in Malta. The prospective employers themselves are mostly unaffected, as they could find a dozen applicants for a vacancy.*

*The Board refers to the judgment of the Court of Appeal **Tufale Ahmed vs. Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati** (decided on 9th March, 2022) in which it was stated:*

"Id-deċiżjoni li wieħed japplika sabiex jingħata permess għax-xogħol f'pajjiż terz, mhijiex deċiżjoni faċli u tħalli impatt kbir fuq il-ħajja ta' dak li jkun ...".

*Consequently, in view of the aforesaid, the Board shall revoke the Agency's decision and shall direct that the relative application be examined as to its merits and decided upon.*

***3. Decision***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of S.L. 217.17, the Board revokes the Agency's decision and directs the Agency to re-examine the relative application as to its merits, and then to decide upon it.*

*This exercise should be considered a contination of the relative application, not as an entirely fresh application.*

*The Board orders that this decision be served on the parties without delay."*

## L-Appell

8. L-appellanta ressqet l-appell tagħha minn din id-deċiżjoni fis-17 ta' Mejju, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tad-9 ta' Mejju, 2022, fl-ismijiet premessi, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tal-appellanta tal-20 ta' Jannar, 2022, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata.

9. L-appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-Bord, u fl-ewwel aggravju tagħha qalet li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-liġi u senjatament tar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17. L-appellanta qalet li huwa ovvju li l-appellata ma kinitx legalment f'territorju ta' Stat Membru *ai termini* tar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, għaliex l-impjieg tal-appellata li abbażi tiegħu hija kellha permess ta' residenza ġie tterminat fl-1 t'Awwissu, 2021, u kien tliet xhur wara li l-appellata intavolat applikazzjoni għal permess ta' residenza. Qalet li hija qatt ma setgħet tilqa' l-applikazzjoni tal-appellata *ai termini* tar-Regolament 8(1)(ċ) tal-L.S. 217.17, liema liġi ttrasponiet id-Direttiva 2011/98/UE dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru, liema Direttiva fl-Artikolu 4(1) tagħha tipprovdi li l-applikant irid ikun qiegħed jirrisjedi legalment fi Stat Membru sabiex jintavola applikazzjoni. L-appellanta qalet li hija m'għandhiex il-mansjoni li tirregolarizza l-pożizzjoni irregolari tal-applikanti, u minħabba f'hekk kien hemm komunika mal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, li min-naħa tiegħu baqa' ma rregolarizzax il-pożizzjoni tal-appellata. L-appellanta qalet li hija għadha disposta li tressaq ix-xhieda rilevanti f'dan l-istadju ta' appell. L-appellanta qalet li peress li jirriżulta li l-applikazzjoni ġiet intavolata minn ċittadin ta' pajjiż terz li kienet qegħda f'Malta illegalment, u peress li la l-liġi Maltija u lanqas id-Direttiva Ewropea 2011/98/UE ma jagħtu eżenzjoni minn din ir-regola, l-appellanta kienet korretta meta m'aċċettatx l-applikazzjoni tal-appellata. Żiedet tgħid li l-liġi tispeċifika wkoll li l-applikant huwa l-individwu u mhux il-*prospective employer.*

10. Fit-tieni aggravju tagħha, l-appellanta qalet li d-deċiżjoni tal-Bord hija *ultra vires* u *extra petita* peress li l-Bord m'għandux il-funzjoni ta' regolatur ta' *policies,* liema *policies* jaqgħu taħt il-mansjoni tal-appellanta. Qalet li l-applikanta kienet ingħatat minnha terminu ta' għaxar ġranet tax-xogħol *ex gratia,* minkejja li dan mhuwiex terminu li tipprovdi għalih il-liġi, sabiex tirrregola l-pożizzjoni tagħha mid-data tar-revoka tal-permess preċedenti. Qalet li l-Bord m'għandux kompetenza jiddeċiedi dwar il-*policies* li l-appellanta tapplika *ex gratia* mal-applikanti, sakemm dawn ma jkunux qegħdin imorru kontra l-liġijiet u r-regolamenti li l-Bord għandu kompetenza jiddeċiedi dwarhom. Qalet li l-iskadenza ta' għaxart ijiem konċessi minnha ma kellhiex tfisser li l-applikant ma jistax jerġa' jintavola applikazzjoni, iżda tfisser biss li l-applikant irid jintavola l-applikazzjoni minn Stat Membru fejn ikun qiegħed jirrisjedi b'mod legali jew minn pajjiż terz. Qalet ukoll li d-deċiżjoni ta' *policy* dwar il-perijodu ta' żmien li persuna li jkun ġie revokat il-permess tagħha sabiex tirrisjedi f'Malta, għandha sabiex tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha, ma taqax fil-kompetenza tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni. L-appellanta tikkontendi li għalkemm is-setgħa ġudizzjarja għandha tara jekk *policies* amministrattivi jkunux saru u ġew applikati abbażi tal-liġi u l-prinċipji ta' ġustizzja naturali, mhijiex il-mansjoni tal-Qrati li jikkreaw u jirregolarizzaw *policies* huma stess. Qalet li filwaqt li l-Bord għandu obbligu jistħarreġ jekk l-appellanta mxietx fil-parametri tal-liġi, il-Bord m'għandux il-mansjoni joħloq *policies* huwa stess. Qalet li għalhekk, meta l-Bord iddeċieda li jestendi t-terminu li mhux mogħti fil-liġi sabiex applikant jirregolarizza l-pożizzjoni illegali tiegħu, huwa kien qiegħed jaġixxi *ultra vires* u d-deċiżjoni għandha titqies li hija *extra petita.*

**Ir-Risposta tal-Appell**

11. L-appellata wieġbet billi fl-ewwel lok qalet li d-deċiżjoni tal-Bord tad-9 ta' Mejju, 2022 kienet ġusta u timmerita konferma. Qalet li l-appell intavolat huwa null għaliex *ai termini* tal-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, appell minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni jista' jsir biss fuq punti ta' dritt *"rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III".* L-appellata qalet li hija mhix persuna minn dawk imsemmija fit-Taqsima suċċitata, peress li la hija ċittadina ta' Stat Membru u lanqas ma tinsab leġittimament fit-territorju ta' xi Stat li huwa marbut bi Ftehim dwar il-Fruntiera.

12. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellanta, l-appellata qalet li l-interpretazzjoni li qegħda tingħata hija waħda restrittiva għall-aħħar. Qalet li l-Bord twaqqaf mil-leġislatur sabiex jinterpreta l-liġi skont il-fatti li jkollu quddiemu u mhux biex ikun *rubber stamp* tal-appellanta. Qalet li l-Bord ta l-motivazzjoni tiegħu fid-deċiżjoni mogħtija minnu. Qalet li l-Bord kważi-ġudizzjarju jistħarreġ deċiżjonijiet amministrattivi li jkunu ttieħdu mill-appellanta, li għandha tieħu deċiżjonijiet amministrattivi li jirrispettaw prinċipji amministrattivi ben stabbiliti, ewlieni fosthom dak tar-raġonevolezza. Qalet li f'dan il-każ l-appellanta m'għamlitx dan, u huwa għalhekk li l-Bord irrevoka din id-deċiżjoni li l-appellanta ħadet fil-konfront tagħha. L-appellata qalet li l-appellanta m'applikatx id-diskrezzjoni tagħha fil-parametri tal-raġonevolezza u għall-konsiderazzjonijiet li huma rilevanti għall-każ odjern. L-appellata qalet li l-prinċipju tar-raġonevolezza jiddetta li l-azzjonijiet ta' awtorità pubblika għandhom ikun adattati għas-sitwazzjonijiet li jittrattaw, u għandhom ikunu tali li ma jikkaġunawx danni bla bżonn lill-individwu jew lil xi suġġett ieħor tad-dritt.

Qalet li għalhekk meta l-Bord irrevoka d-deċiżjoni tal-appellanta, la kiser il-liġi u lanqas ma mar oltre l-poteri tiegħu, għaliex il-liġi tagħtih poteri ampji. Qalet li m'hemmx dubju li l-Bord irid japplika l-liġi u r-regolamenti, iżda dan ma jfissirx li huwa ma jarax il-każ u japplika l-liġi għalih. Qalet ukoll li filwaqt li l-liġi hija ċara u tgħid li l-applikant huwa l-individwu u mhux il-prinċipal prospettiv, fil-prattika qiegħed isir bil-kontra, u dan għaliex l-*online portal* tal-appellanta jippermetti li l-kontroll assolut tal-applikazzjonijiet għal Permess Uniku jkun totalment f'idejn min iħaddem mill-bidu sat-tmiem, u mhux f'idejn l-applikant. Qalet li din is-sistema qegħda toħloq abbuż, għaliex min iħaddem għandu s-setgħa li wara li jintavola applikazzjoni, jirtiraha ad insaputa tal-applikant. Qalet li dan huwa każ tipiku fejn hija ma ġietx infurmata la bit-talba sabiex IrecruitMalta tittermina l-permess tax-xogħol, u lanqas bir-risposta tal-appellanta li l-permess tax-xogħol tagħha kien ġie irtirat. Qalet li dan joħroġ mill-fatt li l-indirizz tal-*email* tagħha ma ġiex indikat la fl-*email* ta' IrecruitMalta li kienet tħaddimha, u lanqas fl-*email* li permezz tagħha l-appellanta laqgħet it-talba ta' IrecruitMalta tat-2 ta' Settembru, 2022. Qalet li l-Bord kien korrett meta qies li l-impjieg tagħha ma' IrecruitMalta ġie tterminat minħabba nuqqas ta' xogħol, u li kien hemm perijodu meta kien diffiċli għaliha li ssib xogħol ieħor, sakemm eventalment sabet xogħol ma' Food Chain Limited. Qalet li kienet Food Chain Limited li fis-16 ta' Novembru ddeċidiet li tikkanċella l-applikazzjoni tagħha, bil-konsegwenza li hija kellha tfittex impjieg ieħor fi żmien meta Malta kienet għadha għaddejja mill-effetti tal-pandemija COVID-19. Qalet li l-Bord irrikonoxxa li hija rnexxielha ssib impjieg wieħed wara l-ieħor, u l-impossibilità li hija tissottometti applikazzjoni sabiex tibdel l-impjieg fi żmien għaxart ijiem, minkejja li din il-*policy* hija waħda vvintata mill-appellanta u ma toħroġ minn ebda liġi.

13. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanta, l-appellata qalet li l-konċessjoni ta' għaxar ġranet tax-xogħol sabiex hija setgħet tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha wara li ġie rrevokat il-permess tax-xogħol preċedenti tagħha, hija redikola u dan għaliex sabiex persuna ssib impjieg ieħor, tiġbor id-dokumenti meħtieġa, u min ikun dispost li jħaddimha jintavola l-applikazzjoni relattiva, huwa meħtieġ ferm aktar minn għaxart ijiem tax-xogħol. Qalet li dan huwa perijodu li ma jagħmilx sens, partikolarment meta dan kollu seħħ fiċ-ċirkostanzi restrittivi li ġabet magħha l-pandemija.

14. L-appellata qalet li l-Bord fil-każ odjern ikkonsidra wkoll l-aspett uman tas-sitwazzjoni li sabet ruħha fiha l-appellata. Qalet li l-Bord għandu l-obbligu u s-setgħa li jistħarreġ jekk l-appellanta aġixxietx fil-parametri tal-liġi, u anki jekk l-appellanta mxietx abbażi tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali, u allura jekk kinitx raġonevoli u proporzjonata fid-deċiżjoni tagħha. Qalet li mhux raġonevoli li jingħad li wara li f'dawn l-aħħar snin hija stabbilit ir-residenza tagħha hawn Malta, appena tilfet l-impjieg tagħha hija kienet mistennija li tirritorna lura lejn pajjiżha u tintavola applikazzjoni minn hemmhekk, u dan anki fid-dawl tal-fatt li kif taf tajjeb l-appellanta, huwa ferm diffiċli li wieħed iġib appuntament għal *visa* fl-Indja wara li tinħariġlu l-*approval in principle letter,* liema ittra hija valida biss għal perijodu ta' sitt xhur. Finalment l-appellata argumentat li mhux minnu li l-Bord iddeċieda li jestendi t-terminu li mhux mogħti fil-liġi sabiex hija tirregolarizza l-pożizzjoni illegali tagħha kif qiegħed jingħad fir-rikors tal-appell. Qalet li l-Bord mexa b'mod raġonevoli u ddeċieda li jħassar id-deċiżjoni tal-appellanta wara li kkonsidra u applika l-liġi għaċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li kellu quddiemu, u wasal għad-deċiżjoni li dawn iċ-ċirkostanzi kienu ser iħallu impatt sproporzjonat fuq il-ħajja tal-appellata. Qalet li l-Bord ma kienx qiegħed

jaġixxi *ultra vires* meta ddeċieda dan l-appell, iżda aġixxa fil-parametri tas-setgħat u l-mansjonijiet tiegħu, u għalhekk id-deċiżjoni tiegħu ma tistax titqies li hija *ultra petita.*

**<u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**

15 . Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Bord fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet ippreżentati mill-appellata. Qabel tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji sollevati mill-appellanta, il-Qorti sejra tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-appellata, li qegħda tgħid li r-rikors tal-appell huwa null minħabba f’dak li jipprovdi l-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217. L-appellata tgħid li ladarba hija mhijiex persuna li taqa’ taħt it-Taqsima III tal-Att, l-appell tal-appellanta fil-konfront tagħha mhuwiex ammissibbli. L-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217 jipprovdi li:

> “Id-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom ikunu finali ħlief għar-rigward ta’ punti ta’ dritt deċiżi mill-Bord rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III, li minnhom jista’ jkun hemm appell fi żmien għaxart ijiem quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri).”

16. Il-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni tal-appellata hija kemmxejn superfiċjali, partikularment għaliex fid-difiża tagħha hija tqanqal l-argument li hija tinsab fit-territorju Malti, u ċioé fit-territorju ta’ Stat Membru tal-Unjoni Ewropea b’mod leġittimu, u għalhekk hija persuna li taqa’ taħt is-subinċiż 4A(1)(ċ) tat-Taqsima III tal-Kap. 217. Ma tistax l-appellata minn banda tibni d-difiża tagħha abbażi li hija qegħda f’Malta b’mod leġittimu, imbagħad tagħmel is-sottomissjoni li hija

mhijiex persuna li taqa' taħt it-Taqsima III tal-Att. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni preliminari qegħda tiġi miċħuda.

*L-ewwel aggravju:* *apprezzament żbaljat tal-liġi – Regolament 8(1)(ċ) L.S. 217.17*

17. L-appellanta tgħid li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-liġi għaliex dan kellu jqis li l-appellata ma kinitx qegħda leġittimament fit-territorju ta' Stat Membru *ai termini* tar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, li hija l-liġi applikabbli. Qalet li ladarba l-impjieg tal-appellata ġie tterminat fl-1 t'Awwissu, 2021, dan ifisser li l-permess ta' residenza li kien validu għall-perijodu bejn id-29 t'April, 2021 u t-28 ta' Mejju, 2022, ma baqax validu u għalhekk ladarba l-appellata naqset milli tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha fiż-żmien ta' għaxart ijiem konċessi mill-appellanta, hija kellha titqies li kienet qegħda fit-territorju Malti b'mod illeġittimu, u li hija immigranta pprojbita. L-appellanta rreferiet għar-riżultanzi fattwali emerġenti mill-atti u qalet li f'każijiet bħal dawn, huwa meqjus li l-applikant huwa l-individwu u mhux il-prinċipal prospettiv tiegħu.

18. Il-Qorti tqis li mill-provi miġjuba, jirriżulta li l-appellata kienet ilha f'Malta mis-sena 2017, u f'dan iż-żmien kollu hija dejjem kienet koperta b'permess ta' residenza sabiex tkun tista' tgħix u taħdem hawnhekk. Għandu jirriżulta li kien biss meta l-impjieg tal-appellata ġie tterminat minħabba nuqqas ta' xogħol waqt il-pandemija, li l-permess uniku li hija kellha ġie invalidat. L-appellanta tinsisti li f'każijiet bħal dawn hija tikkonċedi terminu ta' għaxar ġranet tax-xogħol *ex gratia,* liema terminu ma joħroġ minn ebda liġi, sabiex l-individwu jkun jista'

jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu billi jsib impjieg ġdid u jissottometti d-dokumentazzjoni neċessarja sabiex l-appellanta tkun tista' toħroġlu permess ġdid. Jekk l-individwu jonqos li jagħmel dan fit-terminu ta' għaxart ijiem konċessi, huwa jibda jitqies li huwa immigrant ipprojbit u għalhekk ikun mistenni li jħalli Malta minnufih. L-appellata spjegat li hija sabet diversi diffikultajiet biex issib impjieg alternattiv, partikolarment minħabba li fiż-żmien li fih l-impjieg tagħha ġie tterminat, il-pajjiż kien għadu għaddej mill-konsegwenzi li ġabet magħha l-pandemija tal-COVID-19, u għalhekk ma kienx faċli għaliha li ssib impjieg ieħor. Il-problemi għall-appellata kibru meta wara li hija sabet impjieg alternattiv u bdiet il-proċess tal-applikazzjoni l-ġdida tagħha mal-appellanta, din l-applikazzjoni ġiet irtirata unilateralment mill-prinċipal prospettiv tal-appellata, u għalhekk hija kellha tibda tfittex impjieg ieħor mill-ġdid.

19. Il-Qorti, kif tenniet f'sentenzi oħrajn, trid tisħaq fuq id-dimensjoni umana ta' dawn il-każijiet u d-diffikultajiet li jħabbtu wiċċhom magħhom applikanti bħall-appellata meta f'salt isibu ruħhom mingħajr impjieg, u f'temp qasir ta' żmien huma mistennija li jsibu impjieg alternattiv, u din it-tellieqa kontra l-ħin jaf ikollha l-konsegwenza li huma jintalbu jħallu Malta, il-pajjiż li huma jikkonsidraw bħala t-tieni dar tagħhom, u jkollhom jirritornaw lura lejn pajjiżhom li jinsab in-naħa l-oħra tad-dinja, sempliċiment għaliex xi ħadd iddeċieda li t-terminu li għandu jingħata biex dawn jirregolarizzaw ruħhom għandu jkun ta' għaxart ijiem biss, u mhux iżjed. Kif tenniet kemm-il darba din il-Qorti, dan it-terminu konċess '*ex gratia*' huwa wieħed qasir wisq biex persuna ssib impjieg alternattiv, tiġbor id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa, u ssib prinċipal dispost li jissottometti l-applikazzjoni tagħha fuq l-*online portal* tal-

appellanta. L-appellanta tgħid li f'każijiet bħal dawn huwa l-individwu li huwa meqjus li huwa l-applikant, iżda fil-prattika huwa fatt magħruf li l-aċċess għall-*online portal* huwa f'idejn il-prinċipal prospettiv u ħadd aktar. Il-Qorti f'każijiet bħal dawn, dejjem qieset li l-fattur determinanti dwar jekk deċiżjoni appellata hijiex ġusta jew le, għandha tkun ir-raġonevolezza tad-deċiżjoni mogħtija, u d-dimensjoni umana tal-każ. Il-konċessjoni ta' għaxar ġranet tax-xogħol mogħtija mill-appellanta mhijiex waħda li tagħmel sens. Fil-każ odjern il-Qorti għandha quddiemha persuna li għamlet l-almu kollu tagħha biex tirregolarizza l-qagħda tagħha f'Malta, biex issib impjieg alternattiv f'xenarju fejn fil-pajjiż kien hawn opportunitajiet limitati minħabba nuqqas ta' turisti u l-impatt li ħalliet il-pandemija fuq diversi negozji. Qieset ukoll li l-appellata ilha tgħix f'Malta aktar minn ħames snin, u f'dan iż-żmien hija dejjem fittxet li l-preżenza tagħha f'Malta tkun regolari billi rsistiet biex tkun impjegata, u fl-aħħar xhur saħansitra bdiet kors fil-qasam tal-kura tas-saħħa, li indubbjament huwa qasam nieqes mir-riżorsi umani f'Malta.

20. Il-Qorti għalhekk ma tqisx li l-pożizzjoni tal-appellanta bħala waħda raġonevoli li biex l-appellata tkun meqjusa li qegħda f'Malta b'mod leġittimu, hija għandha toħroġ miż-Żona Schengen, titlaq lura lejn pajjiżha, u tissottometti applikazzjoni ġdida minn hemm, ladarba hija ġja sabet impjieg u qegħda wkoll issegwi kors ta' studju hawn Malta. M'hemm xejn fl-interpretazzjoni tal-liġi mill-appellanta li huwa raġonevoli f'dan kollu. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li l-ewwel aggravju tal-appellanta mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *deċiżjoni* ultra vires *u* extra petita

21. L-appellanta qalet li l-Bord mhux ir-regolatur tal-*policies,* u meta l-Bord estenda t-terminu li fih hija kellha taċċetta l-applikazzjoni tal-appellata, dan kien qiegħed jaġixxi *ultra vires* u lil hinn mill-parametri tat-talba li saritlu mill-applikanta.

22. Il-Qorti ttenni li l-ħarsien tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali u d-dimensjoni umana għandu jkun konsiderazzjoni primarja f'każijiet ta' dix-xorta. Il-Qorti taqbel ma' dak li ġie sottomess mill-appellata, li d-deċiżjoni li ttieħdet fil-konfront tagħha mill-appellanta hija waħda li ser tħalli impatt sproporzjonat fuq ħajjitha. Fil-każ odjern anki l-Bord qies id-dimensjoni umana u l-aspett tar-raġonevolezza tal-każ qabel ħa d-deċiżjoni tiegħu, partikolarment meta qies li l-appellata kienet vittma taċ-ċirkostanzi li sabet ruħha fihom, u li l-perijodu ta' għaxart ijiem tax-xogħol konċess sabiex l-applikanti bħall-appellata jirregolarizzaw irwieħhom, huwa perijodu li ma jagħmilx sens meta wieħed jikkonsidra li persuna minn pajjiż terz li qegħda f'pajjiż barrani, tkun trid tfittex impjieg alternattiv f'dak il-perijodu daqstant qasir, u anki jekk jirnexxilha ssib impjieg alternattiv f'perijodu daqstant qasir ta' żmien, il-prinċipal prospettiv irid ikun f'pożizzjoni li jagħmel l-applikazzjoni fiż-żmien qasir mogħti lilu. Dawn l-aspettattivi tal-appellanta mhumiex realistiċi, anzi huma irraġonevoli, u l-Bord fid-deċiżjoni tiegħu qies li l-fatt li l-proċess tal-applikazzjonijiet jinsab fil-kontroll tal-*employers* prospettivi, fl-aħħar mill-aħħar huma l-impjegati li qegħdin isofru b'konsegwenza tal-aġir ta' ċerti *employers.* Fuq kollox, id-deċiżjoni tal-Bord hija fl-istess linja ta' sentenzi mogħtija f'dawn l-aħħar xhur minn din il-Qorti dwar każijiet simili fuq tista' tgħid l-istess mertu, u minkejja li l-Bord mhux marbut bir-

regola tal-preċedent, ċertament li ma jistax jingħad li dan iddeċieda b'mod li jmur lil hinn mill-parametri tal-mansjonijiet tiegħu jew b'mod li ma jirrispettax il-parametri tat-talba tal-appellata. Il-Qorti tfakkar li l-appellata fit-talba tagħha talbet li tiġi revokata d-deċiżjoni tal-appellanta li l-applikazzjoni tagħha tiġi rifjutata, u l-Bord iddeċieda mhux li l-appellata għandha tingħata l-permess mitlub minnha, iżda li l-applikazzjoni tagħha għandha tkompli tiġi kkonsidrata mill-appellanta. Għaldaqstant tqis li anki it-tieni aggravju tal-appellanta mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu ukoll.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiċħad l-appell tal-appellanta, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**